# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 8 ta' Frar, 2019**

**Rikors Numru: 67/2014/JPG**
**Kawza Numru: 1**

**Michael Zammit**

**VS**

**Kontrollur tad-Dwana, Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali;**
**U b'digriet tas-17 ta' Mejju 2017 l-isem "Kontrollur tad-Dwana" gie mibdul biex jaqra "Direttur Generali (Dwana)"**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Micheal Zammit ID 64051G, datat fid-19 ta' Settembru 2014 (a fol. 1, et seq.), li jaqra hekk:

> *Illi r-rikorrent huwa l-propjetarju tad-dghajsa 'Jane S' u fil-lejl ta' bejn il-14 u 15 ta' Dicembru 2008, din id-dghajsa giet imwaqqfa mill-ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta fil-Port il-Kbir, Valletta u l-esponent gie mehud mill-Pulizija Ezekuttiva u gie investigat;*

*Illi permezz tan-nota ta' qbid numru 27/2009 datata 11 ta' Marzu 2009, il-Kontrollur tad-Dwana qabad d-dghajsa imsemmija 'Jane S';*

*Illi l-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana kienu qed isostnu li l-esponent kien qieghed igorr fuq id-dghajsa hamsin (50) kartuna sigaretti li fihom kien hemm ghaxar pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett, b'kollox hames (500) mitt pakkett.*

*Illi skont in-nota ta' qbid numru 26/2009 li tirreferi ghas-sigaretti, jinghad li kellhom valur ta' €1,095 ammont ta' dazju tas-sisa; €167.04 dazju ta' importazzjoni; €279.37 taxxa fuq il-valur mizjud li ma thallsux.*

*Illi permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2009 ir-rikorrent ghamel avviz bil-miktub sabiex jinghata lura d-dghajsa Jane S 08383 minhabba li "...ma kellu x'jaqsam xejn ma' din is-sejba ta' sigaretti." L-avviz sar ai termini tal-Artikolu 72(2) ta' l-Ordinanza dwar id-Dwana.*

*Illi permezz ta' rikors prezentat fit-23 ta' Marzu 2009 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili r-rikorrent talab li jinghata lura d-dghajsa 'Jane S' li nqabdet permezz ta' nota ta' qbid numru 27/2009 datata 11 ta' Marzu 2009. Dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37).*

*Illi xi zmien wara d-dghajsa kienet giet rilaxxata izda r-rikorrent kellu jipprovdi garanzija ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000), u dan skont l-Artikolu 72(4) tal-istess ligi.*

*Illi l-kontrollur tad-Dwana wiegeb fil-kawza quddiem il-Prim Awla li l-qbid tad-dghajsa hu regolari u skondi l-ligi peress li d-dghajsa kienet qeghda tintuza biex jingarru sigaretti li fuqhom ma thallasx dazju; li l-agir ta' min kien qieghed isuq id-dghajsa Jane S kien juri bic-car li kienet ghaddejja attivita' irregolari, tant li nstabu s-sigaretti; u jekk id-dghajsa kienet il-mezz ta' garr tal-oggetti li fuqhom ma thallasx dazju, allura d-dghajsa hi soggetta ghall-konfiska.*

*Illi fil-fatt l-Artikolu 68 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap.37) tipprovdi:-*

*"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati".*

*Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet emmnet il-verzjoni tal-fatt hekk kif esposti mill-Kontrollur tad-Dwana u l-istess Qorti ddecidiet illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat f'dik il-kawza u tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Illi r-rikorrent intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell imsejsa fuq varju aggravji.*

*Illi, madwar erba snin, wara li gie ntavolat ir-rikors ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).*

*Illi huwa gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bil-ksur tal-Artikolu 60(a) (b) (c) (h) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62, l-Artikolu 68 (1) u 69 (1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u ta' l-Artikolu 16(1)(j) u 17 (a) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-Artikolu 16A tal-Kap 382 jghid: 'Minkejja kull dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att li ghandha x'taqsam mal-konfiska ta' oggetti favur il-Gvern, fil-kaz ta' irregolarita', mill-persuna li tikkommettiha, li, kieku ma nkixfitx, kienet twassal ghal telf ta' dazju tas-sisa ta' mhux iktar minn elfejn euro (€2,000), il-Kummissarju, filwaqt li jaghmel il-konfiska tal-oggetti, jista', jekk min ikun ghamel l-offiza jammetti, ma jibdiex proceduri skont dan l-Att u jimponi*

*penali ekwivalenti ghal tlett darbiet id-dazju li kien ser ikun evitat, liema penali ma ghandhiex tkun ta' inqas minn u hamsin euro (€250).*

*Illi r-rikorrent jirrileva li huwa jista' jaghzel li jipprevalixxi ruhu minn dan l-Artikolu tal-ligi izda jekk huwa jaghmel dan huwa jitlef il-garanzija ta hamsa u erbghin elf ewro (€45,000). Din hija il-bazi li fuqha r-rikorrent qed issejjes l-ilment Kostituzzjonali tieghu. Il-proceduri civili li ghadhom fl-istadju ta' l-appell ma jimpingux fuq l-ghazla tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati;*

*Illi l-esponent permezz ta' dan ir-rikors qed jissottometti illi huwa irragjonevoli r-rikorrent jibqa' jitlef il-garanzija ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) (wara li giet rilaxxata d-dghajsa ai termini ta' l-Artikolu 72(4) tal-imsemmija Ordinanza) fil-proceduri Civili, liema somma hija izjed minn 20 darba iktar mill-valur tad-dazju u sisa u taxxa allegatment dovut u liema somma hija 10 darbiet iktar mill-penali imsemmija hawn fuq.*

*Illi kien issir referenza ghal sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Paul Piscopo (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-24 ta' Awissu 2011). F'din is-sentenza fejn il-Dwana kienet ikkonfiskat bastiment fuq allegazzjoni ta' importazzjoni illegali ta' diesel, l-Qorti kkummentat hekk:*

*"Illi targa' u tghid li f'din il-kawza gie mitiefes ghal kollox il-principju tal-proporzjonalita' li huwa fost il-principji generali imhaddmin u applikati mill-Qorti Ewropeja tal-gustizzja tal-Unjoni Ewropea..."*

*U*

*... il-piena kienet tkun eccessiva dato li timpingi fuq id-dritt ta' proprjeta' (dritt fundamentali rikonoxxut kemm fil-Kostituzzjoni nostrana, l-Konvenzjoni Ewropjea u applikati mill-Qorti ta' Lussemburgu) u kemm ukoll li, dejjem fic-cirkostanzi tal-kaz kien hemm misuri anqas ristrittivi li setghu jigu adottati fil-kuntest tal-Ordinanza innifisha."*

*Illi skont l-artikolu 68 tal-Kap.37 il-konfiska tad-dghajsa (f'dan il-kaz) hija tassattiva u Ghalhekk idejn il-Qorti huma marbutin b'dak li tghid il-ligi. Hija tista' biss tapplika l-Artikolu 72 (4) tal-istess ligi.*

*Illi l-esponent huwa tal-fehma li l-eventwali konfiska ossia zamma tal-garanzija bankarja f'dawn ic-cirkostanzi tilledi d-dritt ta' l-esponent ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif sancit fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu Wiehed ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan ta' l-ahhar jghid hekk:*

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*
>
> *Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

*Illi fil-waqt illi l-Istat inghata poteri wiesgha sabiex jinterferixxi fil-propjeta tac-cittadini, dan l-ezercizzju da parti tal-Istat ghandu jissodisfa bilanc bejn l-Interess generali tal-Istat u dak tal-individwu koncernat.*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet Sporrong and Lonnroth vs Sweden (Applikazzjoni Nru: 7151/75; 7152/75) deciza fit-23 ta' Settembru 1982 fejn gie enuncjat is-segwenti dictum:*

> *"For the purposes of Article 1/1/1/... the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individuals' fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflect in the structure of Article 1"*

*Illi r-rikorrent jissottometti li l-artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtux lok ghal-ebda diskrezzjoni u r-rikorrent jitlef l-garanzija bankarja hekk kif deskritt (liema garanzija hija ekwivalenti ghall-valur tad-dghajsa), b'tali mod li bhal kaz odjern fejn l-ammont ekonomiku maqbud huwa ferm oghla mill-ammont fin-nota ta' qbid kontra d-dghajsa. U jekk ir-rikorrent jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 16A tal-Kap 382 awtomatikament jitlef il-garanzija.*

*Illi ghalhekk r-rikorrent jissottometti li l-artikolu in kwistjoni ma jissodissfax r-rekwizit tal-"fair balance test" hekk kif spjegat fic-citazzjoni hawn fuq.*

*Illi in oltre, il-fatt li, l-akkuzi quddiem l-Qorti tal-Magistrati hargu madwar erba snin, wara li sar l-avviz skont l-Artikolu 72 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap.37) u wara li gie intavolat r-rikors ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap.37) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, iledi d-dritt tieghu ghas-smigh xierqa, u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li huwa, permezz ta' dik il-kawza talab ir-restituzzjoni tal-affarijiet konfiskati minghajr ma ikun jafu jekk u dwar xiex huwa se ikun akkuzat.*

*Illi in oltre, kif inghad iktar 'l fuq, jekk huwa jipprevalixxi ruhu tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm l-ebda effett hlief ghall-konfiska li ammont ta' flus (garanzija bankarja rappresentanti d-dghajsa de quo u b'hekk r-rikorrent jsostni li l-appell intavolat minnu jkun pregudikat u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropea. Dan jammonta ukoll ghan-nuqqas ta' rimedju effettiv u dan skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Ghalqastant r-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna s-soprasessjoni tal-proceduri fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Malta) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ferris) vs Michael Zammit' (Mag. Ian Farrugia) u dan sakemm din il-Qorti tiehdu decizjoni dwar l-kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali.*

2. *Tiddikjara li l-Artikoli 68 u 72(4) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu hekk kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu Wiehed ta' L-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

3. *Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq tar-rikorrent, u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

4. *Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, iledu d-dritt tar-rikorrent ghar-rimedju effettiv skont Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

5. *Tordna, konsegwentament, li garanzija bankarja, deskritta hawn fuq, ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000), imposta ai termini tal-Artikolu 72(4) tal-Kap 37 titnehha.*

6. *Taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' drittijiet fundamentali tal-esponent.*

   *Dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rar ir-risposta datata 15 ta' Ottubru 2014, tad-Direttur Generali (Dwana), tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali in ottemperanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Settembru, 2014, vide fol 12 et seq, li taqra hekk:

*(1) Illi r-rikorrent qed jallega permezz tar-Rikors odjern li l-Artikoli 68 u 72 (4) tal-Kapitolu 37 flimkien mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 fic-cirkostanzi odjerni iledu d-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu Wiehed tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; u li l-Artikoli 72 u 73 tal-Kap 37 u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 iledu d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea apparti li allega li l-istess artikoli iledu d-dritt tieghu ghar-rimedju effettiv skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*(2) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor li a bazi taghhom skattaw kemm il-proceduri civili kif ukoll dawk kriminali a bazi tal-Kap 37 u 382 huma s-segwenti:*

- *Illi r-rikorrent Zammit twaqqaf minn Membri tal-Forzi Armati fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Dicembru 2008 peress illi l-lancja tieghu Jane S kienet qed tivvjagga minghajr dwal ta' navigazzjoni fil-Port il-Kbir;*

- *Illi r-rikorrent Zammit m'obdiex deliberalment l-ordni tal-Ufficali tal-Forzi Armati sabiex jieqaf u ipprova jizgicca l-Patrol Boat tal-Forzi Armati sakemm deherlu li jista jitfa minn fuq il-lancja kaxxa tal-kartun li kienet mimlija bil-grossos tas-sigaretti u li kienet imgezwra go bicca*

*drapp kbira; liema drapp u kaxxa kienu ghadhom ma ixxarrbux kompletament meta sussegwentement ittellghu mill-Forzi Armati ta' Malta;*

- *Illi fil-vicinanzi immedjati tal-lancja Jane S ma kien hemm ebda lancja jew bastiment;*
- *Illi r-rikorrent Zammit li kien l-unika persuna fuq l-imsemmija lancja kien osservat u inqabad fil-fatt jixhet l-imsemmija kaxxa wara li gie imgieghel jieqaf u saret manuvra mill-patrol boat sabiex tingabar l-istess kaxxa li kienet tikkonsisti f'grossos tas-sigaretti li ma kienx thallas dazju fuqhom;*
- *Illi ghalhekk ir-rikorrent Zammit inghata struzzjonijiet biex jersaq u jorbot mal-moll ghall-investigazzjonijiet necessarji mill-Pulizija;*
- *Ghalhekk, sussegwentement inharget Nota ta' Qbid mill-esponent li igib in-numru ta' Referenza 27/2009;*

*(3) Illi in linea preliminari, ir-rikorrent ma esawrixix ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih skont il-ligi u Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha toghgobha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors odjern;*

*(4) Illi fir-rigward tal-mertu, l-esponenti jirribattu l-allegazzjonijiet kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li c-cirkostanzi odjerni certament jaqghu fl-ambitu tal-eccezzjoni kif stipulati fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jaghtu lill-Istat id-dritt li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa sabiex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra stante li l-fatti tal-kaz odjern jiskattaw minn azzjonijiet tar-rikorrent li huwa unikament imputabbli ghall-agir illecitu tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*(4.1) Illi l-esponenti jissottomettu li c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz ma jipprezentaw l-ebda apparenza ta' sproporzjonalita; u fit-tieni lok l-esponenti jirribadixxu li l-konfiska tal-mezz tal-garr per se m'ghandhiex titqies awtomatikament bhala mizura sproporzjonata fil-konfront tar-rikorrent li*

*inqabad in flagrante jikser il-ligijiet doganali ripetutament addrittura f'iktar minn post wiehed;*

(4.2) *Illi fil-kaz odjern huwa fl-umli sottomissjoni tal-esponenti manifest li fic-cirkostanzi odjerni, il-konfiska tal-mezz tal-garr uzata fil-habi u c-caqliq ta' oggetti sdazjati ma tistax titqies bhala mizura sproporzjonata partikolarment meta wiehed iqis l-gravita tat-telf sostanzjali tal-erarju pubbliku li hu abbinat ma prodotti soggetti ghad-dazju tas-SISA kif ukoll l-islealta kummercjali u socjali lejn negozjanti cittadini onesti. Effettivament, ir-rikorrent inqabad in flagrante fil-pussess ta' sigaretti sdazjati li ipprova jixhet il-bahar sabiex jipprova jaghti l-impressjoni li ma kienux tieghu;*

(4.3) *Illi fir-rigward tal-kaz ikkwotat mir-rikorrent in sostenn tal-posizzjoni tieghu fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) u Paul Piscopo, l-esponenti jirrilevaw li fl-ewwel lok, li l-istess decizjoni kienet titratta cirkostanzi ferm diversi u ghadha pendent fl-istadju tal-appell u; fit-tieni lok huwa ben risaput li l-imsemmija proceduri kriminali jirrikjedu oneru ta' prova iktar oneruz mill-proceduri civili; fit-tielet lok, fid-decide tal-istess decizjoni l-Onorevoli Magistrat Micallef Trigona irrileva ukoll li:*

> *"...ossija l-kontrabandu, li m'ghandux u ma jistax ikollu gustifikazzjoni jew ikun tollerat f'stat tad-dritt.";*

*Apparti l-fatt li fir-raba lok, fil-proceduri civili jikkoncernaw lil Paul Piscopo inghalqu l-provi quddiem il-Perit Legali inkluz ir-rapport u Ghalhekk il-kawza waslet fi stadju avvanzat; fil-hames lok il-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lok lir-rikorrent sabiex jikkontesta l-qbid tal-mezz tal-garr mill-esponent Direttur Generali;*

(4.4) *Illi dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidirilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, haga li qed tigi kontestata, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;*

*(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti jirribattu li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent stante li l-Artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta safejn jistipula l-konfiska tassativa tal-lancja li minn fuqha inxtehtu l-oggetti li fuqhom ma kienx thallas dazju, ma jiksirx il-jeddijiet tar-rikorrent ghat-tgawdija ta' hwejgu kif imharsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas l-Artikoli 72 u 73 tal-Kap 37 u/jew l-Artikolu 16A tal-Kap 382 jiksru b'xi mod id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjez.*

Rat id-digriet taghha (vide fol 97) tal-24 ta' Jannar 2017, fejn inghata provvediment.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2017, (vide fol 169), fejn inghata provvediment;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz,

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Michael Zammit** xehed permezz ta' affidavit a fol 114 *et seqq* illi huwa s-sid tad-dghajsa bl-isem 'Jane S' li kienet giet imwaqqfa mill-ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta fil-Port il-Kbir, Valletta, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Dicembru 2008. Spjega li din id-dghajsa giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana fil-11 ta' Marzu 2009 fuq allegazzjonijiet li hu kien qieghed igorr hames mitt pakkett sigaretti, b'valur ta' €290, fuq liema kien hemm dovut dazju fis-somma ta' €1,095, dazju tal-importazzjoni fis-somma ta' €167.04 u taxxa fuq il-valur mizjud fl-ammont ta' €279.37. Kompla li hu kien talab ir-rilaxx ta' din id-

dghajsa permezz ta' ittra datat 16 ta' Marzu 2009 u sussegwentement kien prezenta ukoll rikors ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawn is-sigaretti, li tinsab taht appell wara li l-Qorti kienet cahdet it-talba tieghu. Kompla li wara xi zmien din id-dghajsa giet rilaxxata, fuq il-kondizzjoni li hu jipprovdi garanzija ta' €45,000, u dan ai termini tal-Artikolu 72 (4) tal-Kapitolu 37. Xehed li circa erba' snin wara li kien intavola r-rikors ai termini tal-Artikolu 73, huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa, izda sa Marzu 2017 l-akkuzi kienu ghadhom lanqas inqraw u ghalhekk il-proceduri kienu ghadhom ma bdewx formalment.

Xehed illi inizjalment il-Qorti kienet bdiet tiddiferixxi s-smiegh tal-proceduri kriminali minhabba illi fl-1 ta' Novembru 2012 il-Gvern kien habbar fil-Bagit li l-Artikoli 16A tal-Att tad-Dajzu tas-Sisa kien ser jigi emendat fis-sens illi kienet ser tibda tinghata ghazla li min jigi akkuzat bi ksur ta' dan l-att li jhallas penali minflok ma jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, basta l-evazjoni tad-dazzju ma taqbiz l-elfejn ewro. Qabel din l-emenda, il-limitu kien elf ewro, u peress li hu kien qed jigi akkuzat li evada, komplessivament, €1,541.41 ma setghax jibbenefika minn dan l-artikolu sakemm ma tidholx fis-sehh l-emenda li kienet thabbret fil-Bagit tal-2012. Xehed illi pero, peress illi l-Bagit ma kienx ghadda sa wara l-elezzjoni ta' Marzu 2013, il-proceduri kriminali kienu dejjem qieghdin jigu differiti biex jistennew li tidhol fis-sehh din l-emenda.

Spjega li pero l-avukat tieghu kienu mbaghad spjegawlu li jekk jaghzel li jhallas il-penali huwa kien ser jitlef il-garanzija ta' €45,000 li kienet ser tigi rilaxxata favur il-Gvern. Xehed illi kien ghalhekk li kien ta struzzjonijiet lill-avukati tieghu sabiex jintavolaw proceduri Kostituzzjonali, peress illi ghalih huwa ngust li jekk jaghzel li jhallas penali amministrattiva, jkollu jispicca jitlef somma li tekwivali ghal aktar minn 20 darba l-valur tad-dazju u sis u taxxa allegatament dovuti, u aktar minn 10 darbiet il-penali dovuta skont il-ligi. Xehed illi nell frattempt kienu dahlu fi trattattivi mad-Dipartiment tad-Dwana sabiex jipprovaw jilhqu ftehim, izda ghalkemm id-Dipartiment kien accetta li jirrilaxxa l-garanzija favur tieghu jekk ihallas il-penali, kien insista li bhala konsegwenza tal-ftehim huwa kien ser jitlef il-licenzja tad-dwana tieghu ghaliex jigi meqjus bhala li ma kienx "*a fit and proper person*" biex ikollu tali licenzja. Xehed illi filfatt, din il-Qorti kien issuggeriet illi tigi skambjata korrispondenza fis-sens illi d-Dipartiment jirrikonoxxi illi l-

ftehim kien ser ikun bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu biex jikkontesta d-decizjoni dwar il-licenzji tieghu, izda d-Dipartiment irrifjuta li jaghmel hekk, u eventwalment l-avukati tieghu gew informati illi d-Dipartiment ma kienx izjed interessat li jiffirma l-ftehim ghaliex hu hati ta' diversi ksur ta-regolamenti tad-dazju u Sisa, fatt li hu jikkontesta.

**In kontro-ezami** a fol 204 *et seqq* u mistqosi rigward il-fatt illi meta waqqfuh l-ufficjali tal-Forzi Armati kellux d-dwal tal-lanca tieghu mitfughin, xehed illi ghalkemm id-dwal ma kienux mixghulin appena telaq, malli telaq xeghel id-dawl u ghalhekk meta waqfuh id-dwal kienu mixghulin. Qal illi fil-bahar hdejn il-lanca tieghu l-ufficjali kienu sabu xi kaxxa sigaretti, izda hu kien qalilhom li ma kellu xejn x'jaqsam. Qal illi waqt il-proceduri civili huwa kien ikkonsulta mal-avukat tieghu u kienet inghata c-cans li jipproduci l-provi li dehrilhom li kellhom jigu prodotti. Qal illi l-lanca tieghu giet maqbuda mill-pulizija u biex hadha lura kellu jhallas garanzija ta' €45,000. Ikkonferma li l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu ghadhom pendenti.

**Id-Direttur Generali tad-Dwana Joseph Chetcuti** xehed permezz ta' affidavit a fol 199 *et seqq* illi l-lacnja bl-isem Jane S kienet inqabdet mid-Dipartiment tad-Dwana fl-1 ta' Marzu 2009 wara li kien irrizulta illi r-rikorrent kien inqabad igorr b'mod klandestin sigaretti sdazjati fil-Port il-Kbir abbord tal-istess lancja, li kien rema mill-istess lancja meta l-Forzi Armati kienu waqqfuh. Qal illi r-rikorrenti kien ikkontesta n-nota ta' qbid permezz ta' liema kienet inqabdet il-lancja tieghu, izda t-talba tieghu gie michuda permezz ta' sentenza finali tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2017 (Ref 289/2009).

Spjega illi il-Kapitolu 37 u l-Kapitolu 382 tal-ligijiet ta' Malta huwa krucjali sabiex tithaddem sistema fiskali li tassigura li l-erarju dovut lill-Istat effettivament jingabar, u l-ligijiet doganali ghandhom l-ghan li jipprevjenu l-evazjoni fiskali li twassal ghal riperkussjonijiet serji ghall-Istat u s-socjeta in generali. Kompla li l-ligi hija tassativa f'dan li jikkoncerna l-qbid tal-mezz tal-garr ghaliex dan il-qbid huwa intiz sabiex iservi ta' deterrent reali u effettiv f'attivitajiet klandestini direttament kontra l-erarju pubbliku. Zied illi li kieku l-element ta' proporzjonalita huwa l-uniku kriterju li a bazi tieghu jigi deciz jekk il-mezz tal-garr li ntuza ghall-kuntrabandu bi ksur tal-ligi jinqabadx jew le, id-deterrent jisfa inutli. Qal illi apparti l-proceduri kriminali in kwistjoni, ir-rikorrenti huwa

nvolut f'kaz iehor ta' evazjoni ta' ksur tal-ligi doganli, u li inolte, huwa nstab hati talli ittenta johrog ammont sostanzjali ta' flus kontanti minn Malta minghajr ma nnotifika lid-Dipartiment tad-Dwana u ghalhekk minghajr awtorizazzjoni, u dan bi ksur tal-Avviz Legali 149 tal-2007.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih skont il-ligi u li ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern.

Il-Qorti taghraf illi skont il-proviso ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni:

> "***...l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.***"

Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha fuq il-pretest li seta` kien hemm rimedji ordinarji:

> "***…ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz.***"[1]

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

[1] **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 14 ta' Mejju 2004.

> ***"Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni talezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli."***

Illi ghalhekk huwa indispensabbli illi jigi ddeterminat jekk kienx jezisti rimedji ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti li kien wiehed xieraq, u rimedju li bih ir-rikorrenti ikun seta` ragonevolment janticipa l-possibilita ta' ezitu favorevoli.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jargumentaw fir-rigward ta' din l-eccezzjoni illi din il-Qorti ghandha tirrifjuta milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza kemm il-darba jirrizulta li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent, li l-intimati jishqu, lanqas biss ittenta jressaq xi tip ta' prova sabiex jiggustifika l-eghmil tieghu jew jiskolpa lilu nnifsu mir-responsabbilita. L-intimati jissottolineaw ukoll illi rrizulta car mill-provi illi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent hadu l-perkors partikolari taghhom ghaliex ir-rikorrent kien talab numru ta' differiment ghar-ragunijiet tieghu. L-intimati jargumentaw illi l-intimat naqas milli jutilizza rimedju ordinarju disponibbli u dan peress illi l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu ghadhom pendenti, u l-fatt uniku, li l-proceduri civili gew decizi definittavament kontra tieghu ma jfissirx illi gie lez xi jedd fondamentali tieghu.

Minn naha tieghu, r-rikorrent issottometta illi m'hemm l-ebda rimedju ordinarju li jista' jitqies bhala sufficjenti f'dan il-kaz. Dan ghaliex, skont ir-rikorrent, ir-rimedju ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistghax jitqies bhala rimedju effettiv peress illi jekk ir-rikorrent jipprevalixxi ruhhu minu, ser ikun kostrett illi filwaqt li jirregistra ammissjoni u jhallas penali sostanzjali, **huwa jkollu wkoll jitlef il-garanzija bankarja ta' €45,000 li huwa ammont ferm akbar** minn dak allegatament dovut minnu

f'dazju, dazju tas-SISA u VAT. Ir-rikorrent argumenta wkoll illi fi kwalunwke kaz, il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq din il-materja illum il-gurnata, evolviet fis-sens illi m'huwiex aktar desiderabbli illi l-Qrati kostituzzjonali jiddeklinaw milli jezercitaw il-funzjonijiet kostituzzjonali minkejja ir-rimedji ordinarji li r-rikorrent ikun indubbjament kellu ghad-disposizzjoni tieghu, ghaliex l-intavolar ta' proceduri kostituzzjonali biss gie meqjus bhala mezz li jservi l-principju tal-ekonomija tal-gudizzju stante illi biex jinghata '*the full range of redress"* il-parti kkoncernata kienet ser tipprocedi anke kostituzzjonalment.

Fir-rigward tal-argument tal-intimati illi r-rikorrent lanqas biss ittenta jressaq xi tip ta' prova sabiex jiggustifika l-eghmil tieghu jew jiskolpa lilu nnifsu mir-responsabbilita, illi l-Qorti tibda billi tirrileva illi r-responsabbilita o meno tieghu, hija ghal kollox irrelevanti ghal dawn il-proceduri peress illi dak li din il-Qorti trid tiddeciedi hu jekk l-Istat onorax l-obbligi imposti fuqu mill-Konvenzjoni Ewropeja u mill-Kostituzzjoni o meno, u mhux jekk ir-rikorrent huwiex hati tar-reat addebitat lilu. Huwa indiskuss illi t-tgawdija tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem hija garantita lil kull persuna, u ma teskludix lil dawk li jistghu jkunu hatja ta' xi reat, tant illi din il-Qorti m'hiex mistennija li taghmel xi evalwazzjoni tal-htija o meno tar-rikorrent. Huwa car ghalhekk li din il-parti tal-argument tal-intimati hija ghal kollox infondanta fil-ligi.

Fir-rigward tal-argument tal-intimati illi r-rikorrent naqas milli jaghmel uzu tar-rimedju ordinarju disponsibbli ghalih, ghaliex il-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom pendenti biss minhabba talbiet ghall-differiment maghmula minnu, il-Qorti tirrileva illi dan l-argument huwa ghal kollox zbaljat f'dan il-kuntest. Ir-responsabbilita o meno tar-rikorrent ghad-dewmien tal-procedura hija ta' relevanza ghall-meritu tal-ilment tar-rikorrent u mhux ghal din l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedju ordinarji. Illi inoltre ta' min jghid illi l-ilment principali tar-rikorrent f'dan il-kuntest huwa id-dewmien ta' zmien minn naha tal-intimati sabiex jibdew proceduri kriminali kontra tieghu, u f'dan ir-rigward ma jidhirx illi kien jezisti xi rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent.

Din il-Qorti tqis illi l-intimati lanqas biss indikaw x'inhuma r-rimedji ordinarja disponibbli ghar-rikorrent, u wisq anqas provaw ghalhekk illi jezistu rimedji ordinarji

effettivi li setghu jirrimedjaw il-lanjanzi tar-rikorrent minghajr il-htiega li jirrikorri ghal dawn il-proceduri. Ghaldaqstant huwa car li din l-eccezzjoni hija kompletament infondata, u qed tigi michuda bl-ispejjez.

**Ikkonsidrat;**

Rigward l-allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol.

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku, bla ħsara ta’ kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta’ dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta’ taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B’mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f’dak l-artikolu, irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita’ u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.[2]

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-Artikolu 1, huma msejsin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b’qari ma’ xulxin. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f’idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f’soċjeta’ demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet. Għalhekk l-Istat irid juri, kif imiss, li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi.[3]

Dan l-Artikolu jirreferi għall-interess pubbliku jew generali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil

[2] **Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et**, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, deciza 23 ta' Ottubru 2014.
[3] *Idem.*

jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali.[4] Il-kejl ghal tali interess pubbliku jew generali hu jekk f'għemil partikolari joħrogx il-:

> "***fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.***"[5]

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tas-sid jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux semplici ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni.[6] Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.[7]

Din il-Qorti trid taghmel ezami ta' tliet elementi biex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni o meno tad-drittijiet tar-rikorrenti:

1. **Legalita tal-azzjoni tal-iStat;**
2. **Jekk l-azzjoni kellhiex skop legitttimu fl-interess pubbliku;**
3. **Jekk intlahaqx bilanc gust bejn l-interess pubbliku u d-dritt fondamentali tarrikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta taghhom.**

Illi pero huwa car illi m'huwiex bizzejjed li dawn iz-zewg elementi wahedhom jigu sodifatti, peress illi t-tlett elementi, u cioe il-bilanc gust inkluz dak tal-proporzjonalita tal-azzjoni, ghandu jigi sodisfatt b'mod kumulattiv. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Hall vs L-Awtorita tad-Djar** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013:

> " ***...hu l-principju abbraccjat minn din il-Qorti u mill-Qorti Ewropeja li, anke jekk il-mizura li jkun ha l-Istat tkun legittima u***

---

[4] **Mousu' vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et**, Qorti Kostituzzjonali deciza 6 ta' Ottubru 1999.
[5] Sporrong and Lonnroth v. Sweden, ECHR 7151/75 deciza 23 ta' Settembru 1982, par. 69.
[6] **Cachia vs Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta' Dicembru 2001.
[7] **Francis Bezzina Wettinger vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali deciza 10 ta' Ottubru 2003.

> ***tkun fl-interess pubbliku, xorta wahda tista` twassal ghal-lezjoni konvenzjonali jekk ma jinzammx bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` generali u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni b`mod li l-mizura, allura legittima, tkun titfa` fuq l-individwu `a disproportionate and excessive burden`.*"**

Bl-istess mod, minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-**Imhallef Joseph Raymond Micallef**, fis-sentenza fl-ismijiet **Robert Galea vs Avukat Generali et** deciza fis-7 ta' Frar 2017 intqal:

> ***"Illi huwa aċċettat ukoll li s-setgħa mogħtija lill-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid ukoll għal għanijiet soċjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b`mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta` ħwejġu. Din il-proporzjonalita` tinkiseb fis-sura ta` ħlas ta` kumpens xieraq u għalhekk jekk il-kumpens maħsub mil-liġi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalita`. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-ġid kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;***
>
> ***Illi huwa stabilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita` taħt il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system." (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f`paġġ. 882 – 3) Dan l-element tal-proporzjonalita` kien kunsidrat b`reqqa mill-ogħla Qorti f`Malta f`għadd ta` każijiet u l-Qorti tqis li għandha taċċenna għalihom bla ma tidħol f`dettal ta` tismija mill-ġdid (Ara***

***Kost. 27.4.2012 fil-kawża fl-ismijiet Michael Xerri et vs Avukat Michelle Tabone noe et, fost bosta oħrajn).”***

Illi in succinct, kemm l-Ordinanza dwar id-Dwana u kemm l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa jipprovdu ghall-konfiska tassattiva ta' kull ta' mezz ta' garr illi jkun sar xjentement uzu minnu fl-importazzjoni, zbark, twarrib, tizmim, habi jew garr ta' oggetti, rigward liema, l-individwu jkun ittenta li jevadi l-ligijiet fiskali jew li huma soggetti ghall-konfiska. Dawn iz-zewg ligijiet ukoll jistabilixxu illi l-evazjoni fiskali bi ksur tal-provvediment taghhom hija offiza kriminali u li ghalhekk l-individwu jista' jigi mixli quddiem il-Qorti u fuqu jigu mposti l-pieni mahsuba fil-ligi. Barra minn hekk, iz-zewg l-ligijiet jipprovdu ghall-procedura specjali f'kazijiet fejn l-ammont ta' errarju li ma thallas ma jeccedix l-ammont indikat fil-ligi, skont liema il-Kummissarju u l-individwu jistu' jaslu f'kompromess fejn l-individwu ma jigix mixli l-Qorti, izda minflok il-Kummissarju jimponi fuq l-individwu il-hlas ta' penali kalkolata bil-mod stabbilit fil-ligi.[8]

F'dan il-kaz, ir-rikorrent kien inqabad mill-ufficjali tad-Dwana allegatament idahhal f'Malta numru ta' pakketti ta' sigaretti sdazjati f'Dicembru 2008, u ghalhekk kienet gie konfiskata l-lancja tieghu skont il-ligi, li sussegwentement kienet giet rilaxxata kontra garanzija bankarja ta' €45,000. Ir-rikorrent kien intavola proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana, izda t-talba tieghu giet michuda mill-Qorti, u circa erba' snin wara li r-rikorrent allegatament inqabad b'sigaretti sdazjati, huwa gie mixli l-Qorti bi ksur tal-provvedimenti tal-ligijiet imsemmija. L-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi ghalkemm huwa jista' jipprevalixxi ruhhu mill-artikoli imsemmija sabiex minflok tkompli l-proceduri kriminali kontra tieghu, huwa jilhaq kompromess barra mill-Qorti mal-Kummissarju u jhallas penali peress illi l-ammont in kwistjoni huwa baxx u ghalhekk entro t-termini tal-Artikoli relevanti, izda jekk jaghmel dan huwa ser jitlef awtomatikament il-garanzija ta' €45,000, haga li skont hu hija ghal kollox sproporzjonata ikkonsidrat illi l-garanzija illi jispicca jitlef hija aktar minn 20 darba aktar mill-valur tad-dazju, sisa u taxxa allegatament dovuti u 10 darbiet aktar mill-penali li jistghu jigu mposti fuqu.

[8] Artikolu 63 tal-Ordinanza dwar id-Dwana u Artikolu 16A tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

Minn naha taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-Legislatur irid ta' bilfors johloq deterrant sabiex jissalvagwardju l-errarju pubbliku u l-ekwita tal-kummerc onest, u li jassigura li l-ekonomija tal-pajjiz ma tigix mhedda minn atti ta' kontrabandu. Jargumentaw illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni bl-ebda mod ma jnaqqas id-dritt tal-Istat li jwettaq il-ligijiet sabiex jizgura l-hlas ta' taxi u peni relattivi bil-ghan illi jservu ta' deterrent effettiv fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiz u l-ekwita kummercjali.

Il-Qorti taghraf u taqbel mal-intimati illi b'mod generali, l-Istat ghandu d-dritt illi jillegisla u jiehu dawk il-mizuri necessarju sabiex jassigura l-hlas tat-taxxa dovuta. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Gasus Dosier und Fordertechnik GmbH v. The Netherlands** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-23 ta' Frar 1995:

> "***…the head of "securing the payment of taxes",…comes under the rule in the second paragraph of Article 1 (P1-1). That paragraph explicitly reserves the right of Contracting States to pass such laws as they may deem necessary to secure the payment of taxes. The importance which the drafters of the Convention attached to this aspect of the second paragraph of Article 1 (P1-1) may be gauged from the fact that at a stage when the proposed text did not contain such explicit reference to taxes, it was already understood to reserve the States' power to pass whatever fiscal laws they considered desirable, provided always that measures in this field did not amount to arbitrary confiscation (see Sir David Maxwell-Fyfe, Rapporteur of the Committee on Legal and Administrative Questions, Second Session of the Consultative Assembly, Sixteenth Sitting (25 August 1950), Collected Edition of the Travaux préparatoires, vol. VI, p. 140, commenting on the text of the proposed Article 10A, ibid., p. 68).***"

Illi manadankollu, jibqa' l-obbligu u d-dritt tal-Qrati illi jassiguraw li l-legislazzjoni u l-mezzi adoperati mill-Istat ghal dawn il-finijiet ma jeccedux il-limiti Konvenzjonali u Kostituzzjonali. Huwa risaput pero illi f'dan is-settur, l-Istat igawdi

minn margini wiesgha ta' diskrezzjoni u in generali din id-diskrezzjoni tigi rispettata sakemm ma tkunx tidher li hija rragjonevoli. F'dan is-sens, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **The National & Provincial Building Society and others v. The United Kingdom** deciza fit-23 ta' Ottubru 1997, fejn intqal illi:

> "***According to the Court's well-established case-law (see, among many other authorities, the Gasus Dosier- und Fördertechnik GmbH judgment cited above, p. 49, § 62), an interference, including one resulting from a measure to secure the payment of taxes, must strike a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 as a whole, including the second paragraph: there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aims pursued.***
>
> ***Furthermore, in determining whether this requirement has been met, it is recognised that a Contracting State, not least when framing and implementing policies in the area of taxation, enjoys a wide margin of appreciation and the Court will respect the legislature's assessment in such matters unless it is devoid of reasonable foundation (see the Gasus Dosier- und Fördertechnik GmbH judgment cited above, pp. 48–49, § 60).***"

Il-Qorti taghraf illi m'hemmx kontestazzjoni rigward l-ewwel zewg elementi, u cioe l-legalita u l-interess pubbliku tal-mizura in kwistjoni. L-ilment tar-rikorrent jitratta proprju dwar l-allegat nuqqas ta' proporzjonalita tal-konfiska tassattiva u awtomatika fil-kaz illi huwa jipprevalixxi ruhhu mill-possibilita illi jilhaq kompromess barra mill-Qorti dwar l-errarju allegatament evaz minnu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **N.K.M. v. Hungary** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-14 ta' Mejju 2013:

***"Even if it has taken place subject to the conditions provided for by law – implying the absence of arbitrariness – and in the public interest, an interference with the right to the peaceful enjoyment of possessions must always strike a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. In particular, there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by the impugned measure (see Scordino v. Italy (no. 1) [GC], no. 36813/97, § 93, ECHR 2006-V); and also paragraph 42 above).***

***In determining whether this requirement is met, the Court reiterates that the State enjoys a wide margin of appreciation with regard both to choosing the means of enforcement and to ascertaining whether the consequences of enforcement are justified in the general interest for the purpose of achieving the object of the law in question (see Chassagnou and Others v. France [GC], nos. 25088/94,28331/95 and 28443/95, § 75, ECHR 1999 III, and Herrmann v. Germany [GC], no. 9300/07, § 74, 26 June 2012). Nevertheless, the Court cannot abdicate its power of review and must therefore determine whether the requisite balance was maintained in a manner consonant with the applicants' right to the peaceful enjoyment of their possessions, within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol No. 1 (see Jahn and Others v. Germany [GC], nos. 46720/99, 72203/01 and 72552/01, § 93, ECHR 2005-VI). In the determination of the proportionality of the measure, the Court did in the past also consider the personal situation of the applicants, including their good faith (see Vistiņš and Perepjolkins, cited above, § 120).***

***In order to assess the conformity of the State's conduct with the requirements of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must conduct an overall examination of the various interests at issue, having regard***

***to the fact that the Convention is intended to guarantee rights that are "practical and effective", not theoretical or illusory. It must go beneath appearances and look into the reality of the situation at issue, taking account of all the relevant circumstances, including the conduct of the parties to the proceedings, the means employed by the State and the implementation of those means. Where an issue in the general interest is at stake, it is incumbent on the public authorities to act in good time, and in an appropriate and consistent manner (see Fener Rum Erkek Lisesi Vakfı v. Turkey, no. 34478/97, § 46, 9 January 2007, and Bistrović v. Croatia, no. 25774/05, § 35, 31 May 2007).***

***In the context of tax collection, the Court considers that the suitability of methods is a consideration in the establishment of proportionality of a measure of interference (see, in the context of exercise of the State's right of pre-emption, Hentrich v. France, 22 September 1994, § 48, Series A no. 296 A).***

***Although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, in order to assess the proportionality of the interference the Court looks at the degree of protection from arbitrariness that is afforded by the proceedings in the case (see Hentrich, cited above, § 46). In particular, the Court examines whether the proceedings concerning the interference with the applicants' right to the peaceful enjoyment of their possessions were attended by basic procedural safeguards. It has already held that an interference cannot be legitimate in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, enabling argument to be presented on the issues relevant for the outcome of a case (see Hentrich, cited above, § 42; and Jokela v. Finland, no. 28856/95, § 45, ECHR 2002–IV). A comprehensive view must be taken of the applicable procedures***

> ***(see AGOSI, cited above, § 55; Hentrich, cited above, § 49; and Jokela, cited above, § 45).”***[9]

Huwa car li a kontrarju ta' dak sottomess mill-intimati, l-ammont ta' penali, li fil-fehma tal-Qorti ghandu jinkludi wkoll il-valur tal-mezzi indikati fil-ligi li jigu konfiskati, jew il-garanzija bankarja li tkun saret ghar-rilaxx taghhom, huwa wkoll suggett ghar-regola ta' proporzjonalita. Dan jidher per ezempju mis-sentenza fl-ismijiet **OAO Neftyanaya Kompaniya Yukos v. Russia** deciza fl-20 ta' Settembru 2011, fejn il-Qorti ta' Strasbourg kienet ikkonkludiet illi ma kienx hemm ksur tal-principju ta' proporzjonalita proprju ghaliex **"[t]*he tax rates as such were not particularly high and given the gravity of the applicant company's actions there is nothing in the case file to suggest that the rates of the fines or interest payments can be viewed as having imposed an individual and disproportionate burden, as such, on the applicant company*."** Illi pero, ir-rata ta' taxxa jew penali mehuda wahedhom b'mod astratt, ma jwasslux ghall-konkluzjoni illi l-mizura kienet nieqsa mill-element ta' proporzjonalita. Il-Qorti tista' tasal biss ghal din il-konkluzjoni wara li tqis ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jekk issib illi l-mizura impunjata waslet ghal ***"individual and excessive/disproportionate burden"*** fuq ir-rikorrent.[10]

Illi mehud dan kollu in konsiderazzjoni, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-konfiska tassattiva u awtomatika tal-lancja tar-rikorrent hija, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, leziva tad-dritt tieghu sancit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol peress li hija nieqsa mill-element ta' proporzjonalita rikjest.

Il-Qorti taghraf illi element krucjali sabiex jigi stabbilit jekk mizura impunjata hija proporzjonali jew le, huwa s-salvagwardji procedurali disponibbli ghall-individwu. Il-Qorti taghraf illi skont l-Artikolu 73, huwa possibli ghall-individwu illi jitlob lura il-mezz konfiskat, u dan billi jistitwixxi proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif filfatt ghamel ir-rikorrent. Il-Qorti taghraf ukoll illi huwa permissibbli f'certi kazi illi l-oneru tal-provu jinqaleb fuq l-individwu sabiex jigu rilaxatti assi konfiskati, kif gie kkonfermat per ezempju fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Seychell vs L-**

[9] Vide wkoll **R.Sz. v. Hungary,** ECHR 41838/11, deciza 2 ta' Lulju 2013.
[10] *Idem.*

**Avukat Generali** deciza, fejn kien instab illi l-fatt li kien ir-rikorrent li kellu jipprova l-provenzjenza lecita tal-assi kkonfiskati wara sejbien ta' htija rigward traffikar ta' droga ma kienx leziv tad-drittjiet tieghu. Illi l-Qorti tqis pero illi is-sitwazzjoni tar-rikorrent hija ferm differenti, peress illi ghalkemm is-sejbien ta' htija ta' traffikar ta' droga ma jkunx necessarjament u awtomatikament ifisser illi l-assi kollha tal-individwu ghandhom provenjenza illecita, fil-kaz tar-rikorrent, jekk jammetti illi kellhu fuq il-lancja sigaretti sdazjati, awtomatikament u logikament isegwi illi l-lanzja tar-rikorrent hija mezz konfiskabbli ghall-finijiet tal-ligi. Ghalhekk, sabiex jipprevalixxi ruhhu mill-Artikolu 63, ir-rikorrent ser necessarjament jippregudika l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-garanzija bankarja maghmula minnu, peress illi l-ammissjoni li jkollu jaghmel sabiex jipprevalixxi ruhhu minn dawn l-Artikolu, twassal ghat-telfa tassativa tal-garanzija bankarja maghmula minnu, li lanqas il-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili msemmija ma jistghu iwaqqfu, peress illi l-konfiska ssir tassattiva hekk kif ir-rikorrent jaghzel li jipprevalixxi ruhhu mill-artikolu citati. Fil-fehma tal-Qorti dan necessarjament ifisser illi m'hemm l-ebda garanzija procedurali kif intizi fil-gurisprudenza ta' Strasbourg, ghaliex l-ligi ma tahseb ghall-ebda mod kif ir-rikorrent jista' jikseb ir-rilaxx tal-lancja tieghu jekk huwa jaghzel li jipprevalixxi ruhhu mill-artikoli citati.

Apparti minn hekk, ikkonsidrat il-valur baxx tas-sigaretti sdazjati li allegatament kellu r-rikorrent, u l-ammont ta' penali illu huwa jkollu jhallas jekk jipprevalixxi ruhhu mill-artikoli citati, il-Qorti tqis illi t-telf awtomatiku ta' garanzija bankarja fl-ammont ta' €45,000 hu ghal kollox spoporzjonat. B'referenza ghall-argument tal-intimati rigward l-allegat karattru refrattarju tar-rikorrent fejn si tratta tal-ligijiet doganali, il-Qorti tirrileva illi kieku l-ligi kienet tipprevedi sitwazzjoni fejn f'kaz t'applikazzjoni tal-artikoli citati huwa possibli li l-mezz konfiskat jew garanzija maghmula jigu rilaxxati, izda tipprovdi ghal eccezzjonijiet jekk l-individwu jkun diga nstab hati numru ta' drabi minhabba evazzjoni tal-ligijiet doganali, din il-konfiska kienet tkun accettabli, u l-argument tal-intimati kien ikun relevanti. Pero f'dan il-kaz, il-konfiska hija tassattiva u awtomatika, u ma tiehu kont ta' l-ebda cirkostanza partikolari tal-individwu, u dan il-fatt jaghmel din il-konfiska, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, evidentement sporporzjonata.

Il-Qorti tirrileva *obiter* ukoll illi m'hijiex konvinta mill-interpretazzjoni moghtija mill-intimati tal-Artikolu 63. Dan l-artikolu jibda proprju bil-kliem **"*Minkejja kull haga***

***ohra…"*** Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser illi meta jigi applikat dan l-artikolu, dan l-artikolu jigi applikat a skapitu tal-procedura normalment ipprovduta fil-ligi, u ghalhekk, meta jigi applikat dan l-artikolu, ma jkunx hemm it-tehid tal-mezz jew garanzija bankarja. Il-Qorti tqis illi filfatt din l-interpretazzjoni taghmel aktar sens ukoll ikkonsidrat illi dan l-artikolu jipprovdi ghall-procedura li tista' tigi segwita fil-kaz meta l-ammont in kwistjoni ikun wiehed baxx, u ghalhekk huwa car li l-Legislatur ried li jipprovdi ghal penali anqas drakonika f'dawn il-kazijiet.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward huwa fondat u ghandu jigi milqugh.

**Ikkonsidrat;**

<u>Rigward l-ilment tad-dewmien ta' zmien</u>

Ir-rikorrent qed jilmenta wkoll fir-rikors promotur tieghu illi huwa sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli peress illi l-akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati inhargu circa erba' snin wara li sar l-avviz skont l-Artikolu 72 tal-Ordinanza dwar id-Dwana u wara li gie intavolat ir-rikors ai termini tal-Artikolu 73 tal-istess Ordinanza, u ghalhekk huwa spicca jipprezenta kawza biex jitlob ir-restituzzjoni tal-hwejjeg konfiskati minghajr ma kien jaf jekk u dwar xiex huwa ser ikun akkuzat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent kompla jispjega illi huwa kien gie mgieghel jiddepozita garanzija ta' €45,000 sabiex il-bastiment li gie sekwestrat jigi rilaxxat biex ikun jista' jkompli bin-negozju tieghu, u dan anke minn qabel ma kien jaf jekk, meta, u biex ser jigi akkuzat, xi haga li kellu jistenna circa erba' snin biex isir jaf. Argumenta illi huwa gie affetwat mid-azzjonijiet tal-awtoritajiet koncernati sa' mill-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Dicembru 2008 peress illi d-dghajsa giet sekwestrata dakinhar stess, u sabiex din id-dghajsa tigi rilaxxata kellu jaghmel garanzija ta' €45,000 li ghandha valida sal-llum il-gurnata, minkejja li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin, ghaliex il-kawza kriminali kontra tieghu ghada pendenti.

Ir-rikorrent argumenta wkoll illi l-presunzjoni ta' innocenza tieghu giet leza stante illi, minkejja l-fatt illi l-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom pendenti, huwa kellu jintrabat b'garanzija bankarja ta' €45,000 qabel ma tigi deciza kawza kriminali fejn l-**ammont komplessiv ta' dazju, SISA u VAT huwa ta' €1,541.41**. Jargumenta wkoll illi l-infurzar tal-artikolu 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta ma joholqux bilanc bejn l-interess tal-Istat illi jara li jithallsu t-taxxi tad-dazju, s-SISA u l-VAT u l-interess tar-rikorrent ghal-smiegh xieraq, peress illi jekk jipprevalixxa ruhhu mill-Artikolu 16A imsemmi, ir-rikorrent ser ikun kostrett jitlef il-garazija bankarja li ddepozita.

Illi l-intimati ma jidher li ressqu l-ebda eccezzjoni specifika fir-rigward ta' dan l-ilment. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom argumentaw illi r-rikors promotur huwa unikament invit sabiex din il-Qorti tintrometti ruhha indebitament fil-proceduri kriminali peress illi skont huma, huwa car li ma jissussisti ebda ksur ta' drittijiet fondamentali, u illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja zgur li ma japplikax ghac-cirkostanzi tal-kaz tar-rikorrenti, ghaliex altrimenti dan ikun ifisser illi kull min hu akkuzat ikollu s-setgha li jwaqqaf l-andament ta' proceduri kriminali billi jintavola rikors kostituzzjonali. L-intimati jirrimarkaw ukoll illi r-rikorrent ghandu diversi kawzi pendenti fejn inhargu Noti ta' Qbid minhabba ksur tal-provvedimenti tal-Kapitoli 327 u 382, u li r-rikorrent kien instab ukoll hati talli, flimkien ma' persuni ohra, pprova johrog ammont kbir ta' flus kontanti minn Malta minghajr ma nnotifika lid-Dwana u wisq anqas gab l-awtorizazzjoni necessarja.

Illi hawnhekk il-Qorti ser tigi tibda billi tenfasizza illi kwalunwke proceduri penali pendenti kontra r-rikorrent fuq fatti ohra, u kwalunwke sejbien ta' htija ghal reati ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-ligijiet doganali, m'humiex u ma jistghux ikunu relevanti ghall-ilment ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, ghajr jekk jirrizulta li kien hemm xi konnessjoni bejn dawn il-kawzi. Jidher pero illi tali konnessjoni ma tezistix, u l-intimati indikaw l-ezistenza ta' dawn il-kawzi sempliciment biex jitfghu dell ikrah fuq ir-rikorrent. Huwa car pero illi l-fatt li l-intimat ghandu kawza ohra simili pendenti kontra tieghu, jew li diga gie misjub hati fuq akkuzi simili, ma jipprivahx mid-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Illi l-ewwel punt krucjali li ghalhekk ghandha tiddetermina din il-Qorti ghalhekk huwa fir-rigward tal-perjodu li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli.

Fl-ambitu ta' proceduri kriminali, l-Artikolu 6 jiggarantixxi id-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli ***'in the determination of a charge.'*** Peress illi l-Artikolu 6 jipprezupponi l-ezistenza ta' ***'charge'*** jew **'akkuza'** il-perjodu li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni jibda dik il-gurnata minn meta persuna tigi ***'charged'*** jew **'akkuzata.'**[11]

Pero, it-terminu ***'charge'*** jew **'akkuza'** jigi interpretat b'mod awtonomu, u cioe mhux neccessarjament skond kif inhu interpretat mill-ligi penali, izda minflok dan it-terminu jigi nterpretat fil-kuntest u ghall-iskop tal-Konvenzjoni.[12] Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani irrilevat illi:-

> ***"the prominent place held in a democratic society by the right to a fair trial prompts the Court to prefer a substantive rather than a formal conception of the charge contemplated by article 6 para 1."***[13]

Fis-sentenza **Beewer v. Belgium**, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani ghalhekk irriteniet illi d-definizzjoni tal-kelma ***'charge'*** ghal fini tal-Artikolu 6 hija ***"an official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence."***[14] F'din is-sentenza il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Kommissjoni applikat test simili f'diversi decizjonijiet u opinjonijiet u cioe ***"whether the situation of the [suspect] has been substantially affected."***[15]

Fil-gurisprudenza sussegwenti taghha, l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani wessat din id-definizjoni billi nehhiet ir-rekwizit tan-notifika ufficjali rigward l-allegazzjoni ta' kommissjoni ta' reat. Fis-sentenza Foti and others v. Italy, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet

---

11**Neumeister v. Austria**, ECHR 1936/63, deciza 27 ta' Gunju 1968, par. 18; **Eckle v. Germany**, ECHR 8130/78, deciza 15 July 1982, par. 73.
12**Adolf v. Austria**, ECHR8269/78 (26 ta' Marzu 1982) par. 30; **Deewer v. Belgium**, ECHR 6903/75, deciza 27 ta' Frar 1980, par.42.
13**Deewer v. Belgium**, ECHR 6903/75 (27 ta' Frar 1980) par. 44; **Adolf v. Austria**, ECHR8269/78, deciza 26 ta' Marzu 1982, par. 30.
14**Deewer v. Belgium**, ECHR 6903/75, deciza 27 ta' Frar 1980, par. 46.
15Idem.

Umani kienet tal-fehma illi *'charge'* jew 'akkuza' ***"may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect."***[16]

A bazi ta' dan, ikkonkludiet illi l-perjodu li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni f'kawzi bhal dawn, jista' jigi meqjus illi jkun beda meta:

- ssir tfittxija fid-dar tar-rikorrent;[17]
- meta r-rikorrent jigi maghrraf mill-pulizija bl-akkuzi kontra tieghu;[18]
- meta jigi arrestat,[19]
- meta bdiet l-investigazzjoni preliminari;[20]
- meta l-pulizija tissottometti rikjesta biex tigi mnehhija l-immunita tar-rikorrent;[21] jew
- meta l-awtoritajiet tat-taxxa jabbozzaw audit report li jkun jinkludi obbligazzjoni biex jithallsu tax surcharges.[22]

Il-posizzjoni kostanti tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani ghal ghexieren ta' snin f'dan ir-rigward hija illi:

> ***[w]hilst "charge", for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence", it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73).***[23]

16 **Foti and others v. Italy**, ECHR 7604/76, deciza 10 ta' Dicembru 1982.
17 **Ommer v. Germany**, ECHR 26073/03, sentenza nru. 2 ta' 13 ta' Novembru 2008, par. 69.
18 **Ommer v. Germany**, ECHR 10597/03, sentenza nru. 1 ta' 13 ta' Novembru 2008, par. 54.
19 **Wenhoff v. Germany**, ECHR 2122/64, deciza 27 ta' Gunju 1968, par. 19; Cevicovic v. Germany, ECHR 49746/99, deciza 29 ta' Lulju 2004, par. 59.
20 **Wenhoff v. Germany**, ECHR 2122/64, deciza 27 ta' Gunju 1968, par. 19.
21 **Frau v. Italy**, ECHR 12147/86, deciza 24 ta' Jannar 1991, par. 15.
22 **Janosevic v. Sweden**, ECHR 34619/97, deciza 23 ta' Lulju 2002, par. 92.
23 **Foti and others v. Italy**, ECHR 7604/76, deciza 10 ta' Dicembru 1982, par. 52.

Illi din il-posizzjoni tinsab filfatt abraccjata mill-gurisprudenza kostituzzjonali nostrana, kif jidher mis-sentenza ta‘ din il-Qorti fl-ismijiet **Malcolm Said vs L-Avukat Generali,** deciza fl-14 ta‘ Jannar 2016, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta‘ Gunju 2016, fejn din il-Qorti kienet tal-fehma illi il-Qrati Kostituzzjonali ghandhom is-setgha illi jizguraw li l-individwu jkun tressaq il-Qorti fi zmien ragonevoli u li ma thalliex **“*…imdendel ghal snin shah, jahseb u jinkwieta fuq x'ser ikun l-ezitu tal-interogazzjoni tieghu*.”**

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jigi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proceduri, il-Qorti trid tiehu qies ta' zewg konsiderazzjonijiet, u cioe:-

***1.*** **il-komplessita tal-kaz;**
***2.*** **is-sehem tal-awtorijiet koncernati fid-dewmien.**[24]

Dan ghaliex “**il-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju].”**[25]

Ghalkemm ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lil Qorti sabiex tiddetermina illi rikorrent ikun sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragonevoli, jinsab assodat kemm fil-gurisprudenza taghha, kif ukoll dik Ewropeja, illi il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x’kellu x’jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b’mod finali, huma fatturi krucjali illi ghandhom jigu kkonsidrati mill-Qorti.[26]

Fir-rigward tat-tifsira tal-kuncett “zmien ragonevoli”, il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta’ diskrezzjonalita` li jhalli f’idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi

---

24Vide inter alia **Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 28 ta' Jannar 2013.
25**Colin John Morland et vs L-Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 29 ta’ Ottubru 2018.
26**Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 15 ta' Dicembru 2015.

partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-kawza waslet ghal gudizzju kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[27]

Illi l-Qorti taghraf ghalhekk illi z-zmien relevanti f'dan il-kaz ghandu jibda jigi kkalkolat mill-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Dicembru 2008, u cioe meta d-dghajsa tar-rikorrent kienet giet imwaqqfa mill-ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta u r-rikorrent gie mehud mill-pulizija u investigat. Il-Qorti rat illi l-akkuzi kontra r-rikorrent kien eventwalment inhargu fis-26 ta' Settembru 2011, u inhargu ghan-notifika mill-Principal Citations Office f'Lulju tal-2012 meta r-rikorrent kien gie mharrek sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Settembru 2012. Fi kliem iehor, bejn id-data ta' meta r-rikorrent kien gie mwaqqaf u mitkellem mill-ufficjali tal-Forzi Armati u mill-Pulizija, u d-data ta' meta sar jaf li, u biex, kien ser jigi mixli quddiem il-Qorti, kienu diga ghaddew kwazi erba' snin.

Il-Qorti hawnhekk tqis illi huwa utli taghmel referenza ghas-sentenza citata fl-ismijiet **Malcolm Said vs L-Avukat Generali** fejn intqal illi:

> **"*…d-dewmien ta' hames snin sakemm ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti akkuzat wahdu b'pussess ta' kokaina huwa ezagerat. Minn dak li hemm fl-atti ma jidhirx illi l-kaz tar-rikorrent kien tant kompless illi l-awtoritajiet responsabbli kellhom bzonn hames snin shah jahsbuha qabel ma jressqu lir-rikorrent quddiem il-Qorti sabiex tigi maqtugha darba ghal dejjem l-akkuza kontra tieghu. Minflok huma ghazlu li jhallu l-proceduri kontra r-rikorrenti pendenti ghal hames snin shah, u hames snin huma zmien twil wisq ghal persuna biex tithalla tinwkieta fuq meta u taht liema akkuzi ser titressaq quddiem il-Qorti.*"**

27**Emanuela Brincat vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 21 ta' Frar 1996, citata b'approvazzjoni anke fil-kuntest ta' proceduri civili fis-sentenza **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 15 ta' Dicembru 2015.

Il-Qorti tqis pero illi fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ilment tar-rikorrent rigward id-dewmien ta' zmien m'humiex fondat. Il-Qorti taghraf illi l-awtoritajiet damu sabiex bdew proceduri kriminali kontra r-rikorrrent peress illi kienu jafu li kienet ser tigi emendata l-ligi, **u li din l-emenda kienet ser tkun ferm favorevoli ghar-rikorrent**. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien ta' zmien me jregix. Filfatt, li kieku l-proceduri kriminali kontra tieghu bdew immedjatament kif inqabad mill-awtoritajiet allegatament fil-pussess ta' sigaretti sdoganati, kien hemm cans kbir illi dawn il-proceduri qatt ma kienu jaslu quddiem din il-Qorti, peress illi l-proceduri kontra r-rikorrent kienu jilhqu jispiccaw qabel ma hux ikollu jcans jipprevalixxi ruhhu mill-ligi kif emendata. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ilment ta' dewmien ta' zmien tar-rikorrent huwa nfondat.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll illi huwa sofa ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq peress illi jekk jipprevalixxi ruhhu mill-artikolu citati huwa ser isofri ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq dan ser jippregudika l-appell intavolat minnu ghar-rilaxx tal-garanzija konfiskata, peress illi mhux ser ikollu effett iehor hlief jimponi il-konfiska tassattiva tal-istess garanzija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta illi dan jikser id-dritt tieghu ghal presunzjoni t'innocenza.

Illi fil-fehma tal-Qorti pero, m'huwiex possibli illi l-fatt kif premessi mir-rikorrent jwasslu ghal ksur tad-dritt tieghu ghal presunzjoni t'innocenza, peress illi din hija garanzija minima li tapplika fi proceduri kriminali, mentri l-proceduri li ghalihom qieghed jaghmel referenza huma procedura ta' natura civili. **Illi pero fil-fehma tal-Qorti huwa minnu l-effett tal-konfiska awtomatika twassal ghal ksur tal-ugwaljanza tal-armi peress illi hekk kif ir-rikorrent jaghzel li jipprevalixxi ruhhu mill-artikoli citati, huwa ma jkollu l-ebda mod kif jiddefendi l-pretensjonijiet tieghu fil-kawza civili.**

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, dan l-ilment tar-rikorrent huwa fondat u qieghed jigi milqugh **sa fejn jirrigwarda biss il-kwistjoni tal-ugwaljanza tal-armi**, filwaqt li qed jigi michud sa fejn jirrigwarda d-dewmien ta' zmien, u l-presunzjoni t'innocenza.

**Ikkonsidrat;**

Rigward l-allegat nuqqas ta' rimedju effettiv

Ir-rikorrent ippremetta fir-rikors promotur tieghu illi jekk jipprevalixxi ruhhu mill-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta ser jippregudika l-appell tieghu ghar-rilaxx tal-garanzija bankarja maghmula minnu, u ghalhekk huwa leziv tad-dritt tieghu ghal rimedju xieraq.

Illi l-Artikolu 13 jiggarantixxi:

> ***"...the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief ."***[28]

L-obbligi tal-Istat ai termini tal-Artikolu 13 ivarjaw skont in-natura tal-ilment, pero, ir-rimedju rikjest mill-Artikolu 13 irid dejjem ikun effettiv, kemm fil-prattika kif ukoll fil-ligi.[29] L-effettivita tar-rimedju pero ma tiddependix fuq ic-certezza ta' sentenza favorevoli ghar-rikorrent.[30] Barra minn hekk, ir-rimedju jrid jkun kapaci li joffri '***appropriate relief***'.

Kif diga inghad aktar il-fuq, huwa minnu li jekk ir-rikorrent jipprevalixxi ruhhu mill-artikoli msemmija, dan iwassal sabiex huwa jitlef il-garanzija bankarju maghmula minnu b'mod awtomatiku, minghajr ebda konsiderazzjoni ghal kwalunwke cirkostanzi ohra. Illi peress illi din il-konfiska hija tassattiva, idejn il-Qrati Civili huma marbutin, u ghalhekk huwa car illi fil-qafas legali m'hemm l-ebda procedura

28 Kudla v. Poland, ECHR 30210/96 (26 ta' Ottubru 2000) par. 157.
29 Ilhan v. Turkey, ECHR 22277/93 (27 ta' Gunju 2000) par. 97.
30 Vide inter alia, Silver and others v. the United Kingdom, ECHR 5947/72, 6205/73, 7107/75, 7113/75, 7136/75 (25 March 1983) par. 113; Chahal v. the United Kingdom, ECHR 22414/93 (15 ta' Novembru 1996) par. 145.

idoneja sabiex toffri rimedju adegwat kontra l-ksur tad-drittijiet fondamentali sanciti permezz tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

Ghaldaqstant dan l-ilment huwa wkoll fondat u qed jigi milqugh.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-tieni, t-tielet, u r-raba' talba tar-rikorrent, u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara li l-Artikoli 68 u 72(4) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu hekk kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu Wiehed ta' L-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

2. **Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, jilledu d-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq tar-rikorrent, u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan sa fejn hu kompatibbli ma' din is-sentenza;**

3. **Tiddikjara li l-Artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u mal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi odjerni, illedu d-dritt tar-rikorrent ghar-rimedju effettiv skont Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;**

4. **Tordna illi fil-kaz illi l-partijiet jilhqu kompromess barra l-Qorti ai termini tal-Artikoli precitati, l-intimati ghandhom jirrilaxxaw a favur tar-rikorrent il-garanzija bankarja maghmula minnu fis-somma ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000).**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu in kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-intimati, u in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**